**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 – 2013

**SEDUTA NUMRU 36**

L-ERBGĦA 19 TA' OTTUBRU 2011 FIl-5.30 TA' FILGĦAXIJA

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| KAV. PAWLU FARRUGIA KLJ CMLJ | SINDKU |
| FRANCIS AGIUS | VIĊI SINDKU |
| DORIS VELLA | KUNSILLIER |
| KEITH DARMANIN | KUNSILLIER |
| LAWRENCE BONAVIA | KUNSILLIER |
| CLAUDINE LANZON | KUNSILLIER |
| ISHMAEL DALLI | KUNSILLIER |
| PAUL J. PACE **Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA** | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |
| SINJ. ANTONELLA GALEA | SEN. EXEC. OFFICER |

**AGENDA**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komm. mis-Sindku (*inkluż Korrispondenza*)
3. Affarijiet Finanzjarji
4. Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv
5. Il-Grad tas-Sinj. Antonella Galea
6. Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri
7. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

Is-Sindku qal li s-Sinjura Marisa Pisani spiċċat minn Aġent Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien u minflokha ġie maħtur is-Sur Paul J.Pace.

Is-Sindku flimkien mal-Kunsill taw merħba lis-Sur Paul J. Pace.

## 1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

i Il-Minuti tas-Seduta 34/06 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

iii Il-Minuti tas-Seduta 35/06 – Aġġudikar tat-Tenders, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

iv Dawn ġew approvati unanimament. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2 Punti mill-Minuti

i Dwar il-Bus Shelter fi Triq il-Palma s-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Sur Konrad Pule' –TM u dan aċċertah li issa kollox sew u ser nipproċedu. Bus shelter

ii Dwar il-proġett tax-Xelter is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħareġ Compliance Certificate mingħand il-MEPA b'ċerta kundizzjonijiet. Proġett tax-xelter

iii Is-Sindku qal li għamel kuntatt mal-persuna responsabbli fi TM għal ħruġ tal-permessi u dan qallu li Polidano ma għamel ebda permess u jekk u meta dan jagħmel permess ried jgħaddihom għall-approvazzjoni lil ta' fuqu għaliex dan il-Kuntrattur partikolari kellu diversi permessi pendenti ma' Kunsilli oħra. ppp

Is-Sindku qara l-korrispendenza permezz ta' emails li għaddiet bejnu u bejn it-TM dwar dan il-każ.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv issuġġerixx li ngħaddu kopja tat-tender lill-Avukata tal-Kunsill għall-parir legali.

iv Is-Sur L. Bonavia ssuġġerixxa li jsir Protest Ġudizzjarju u tinfetaħ Kawza Ċivili kontra l-kuntrattur għat-telf u d-danni li qed insoffru. 5 A Side Ground

v Dwar Sqaq Santa Marija, is-Sindku qal li għandu indikazzjoni mill-MEPA li sal-21 ta' Jannar 2012 il-permess jista' joħroġ. Sqaq Santa Marija

Is-Sindku rrimarka li għalkemm il-Kunsilli Lokali suppost qegħdin fil-"fast track" dawn xorta waħda qegħdin idumu sabiex joħorġu l-permessi neċessarji.

vi Il-Minuti dwar l-Aġġudikar tal-Offerti ġew iffirmati. L-Aġent Seg. Ezek informa lill-Kunsill li l-ittri lil dawk li l-offerta tagħhom ma ġietx magħzula ntbgħatu. Sejħa għall-offerti

Issa qabel mal-Kunsill joħroġ l-Ittri ta' Aċċettazzjoni jridu jgħaddu 10 ijiem minħabba xi Appell.

vii Is-Sindku nforma li għad m'hemm l-ebda risposta mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-toroq dwar it-talba ta' Ġnien Veliko Turnovo. Ġnien Veliko Turnovo

viii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Garanzija Bankarja favur l-MEPA ta' €5000 saret. Garanzija Bankarja MEPA

ix Is-Sindku qal li għadna ma rċevejna ebda risposta dwar l-Interim Audit. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja mad-Dipartiment Gvern Lokali. Interim Audit

x Dwar il-kontijiet pendenti tal-Perit mintoff, is-Sindku nforma lill-Kunsill li għadna għaddejjin nfittxu u niġbru l-informazzjoni neċessarja. Kontijiet pendenti tal-Perit Mintoff

xi Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ex Segretarju Eżekuttiv wieġeb għall-ittra li bgħattlu l-Avukat tal-Kunsill. Is-Sindku qara din l-ittra. Ittra minghand l-Avukat tal-Kunsill

Is-Sur Frans Agius rrimarka għall-punti li semma' fl-ittra tiegħu l-Ex Seg. Eżek. Is-Sur Agius qal li hu dejjem zamm il-korrispondenza li kien jibgħatlu pero qatt ma jista' jikkonferma li veru l-Ex Seg. Eżek. dejjem bgħatilhom il-korrispondenza kollha.

Is-Sindku qal li l-pulizija ġabru l-kompjuter li kellu l-ex Seg. Eżek.

xii Rigward Ġnien Ovindoli s-Sindku qal li s-Sinj. Marisa Pisani meta kienet għadha magħna bħala Aġent Seg. Eżek. Kienet bgħatet għas-Sur D. Mizzi u nfurmatu li l-Kunsill jħallas biss ladarba jkollu f'idejh l-invoice. Xogħlijiet fi Ġnien Ovindoli

Il-Kuntrattur għadu qed jinsisti li l-VAT ma kienetx inkluża fil-kont. Is-Sur Lawrence Bonavia qal li din tmur kontra l-liġi għaliex il-VAT għandha dejjem tkun inkluża fil-kont finali u jekk ma jkunx hemm indikazzjoni l-Kunsill għandu jassumi li l-prezz indikat huwa finali u bil-VAT inkluż.

III.i Is-Sindku qal li kellu appuntament ma persuna mill-MCCAA biex flimkien iduru l-playing fields. Peress li dan ma żammx mal-ħin stabbilit, is-Sindku qal li kellu appuntament ieħor u għalhekk kellu jkun wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL li jmur idur miegħu. Playing Fields

Is-Sindku qal li l-Uffiċjal mill-MCCAA ċempillu u qallu li kemm iż-żurżieqa fi Ġnien Sta Marija trid titneħħa, kif ukoll is-seesaw ta' Ġnien Joanne trid titneħħa immedjatament. Is-Sindku qal li ser jinġiebu kwotazzjonijiet biex isir ix-xogħol meħtieġ.

III.ii Dwar il-proġett ERDF 213 is-Sindku qal li minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom il-kuntratt tal-Project's Manager għadu ma ġiex iffirmat. Is-Sur Paul J. Pace ser jipprova jiffissa appuntament mal-kuntrattur magħżul. Proġett ERDF 213

III.iii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jidher li issa ġiet solvuta l-problema biex is-sistema tad-dawl tal-Kunsill tinqeleb għall-3 phase. Dan għaliex il-kontijiet kollha tal-Kunsill ġew separati f'Accounts differenti. Dawl 3 phase

III.iv Ix-xogħol ta' bankini fi Ġnien Joanne u Triq l-iskola ser jinbdew. Xogħlijiet ta'bankini

III.v Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-Urban Improvement Fund tal-MEPA intgħalbet it-template sabiex isiru t-tabelli għal Ġnien Ovindoli u Sqaq Brittaniku Nru 1. Urban Improvement Fund

III. vi Is-Sindku rrefera għall-attivita' 'Epoka' u qal li minħabba l-maltemp ma setax isir il-programm kollu previst. Attivita 'Epoka'

Il-Ġimgħa sar il-programm kollu, is-Sibt parti minnu u l-Ħadd xejn.

Apparti dan is-Sindku qal li waqt il-preparamenti u l-armar tal-palk għall-programm tal- Ħadd inqalgħu xi problemi minn xi residenti tal-akkwata ta' Triq Palma. Għalhekk wara li dan il-palk kien diġa ntrama' kellu jerġa jiżżarma u jersaq iktar l-isfel u b'hekk kellna neħlu l-ispejjeż doppji.

Is-Sindku qal li għad fadlilna nirċievu aktar kontijiet.

III.vii Bħas-snin li għaddew ser jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-Premju Anzjan Tarxiniz 2011. Din l-attivita' ser issir fis-27 ta' Diċembru 2011. Premju Anxjan tas-Sena

III.viii Is-Sindku qal li bħala rikonoxximent għall-għajnuna u l-kollaborazzjoni waqt l-attivita' 'Puniċi', il-Kunsill ingħata tifkira. Attivita' Punici

III. ix Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-problema tal-internet fil-Librerija issa ġiet solvuta u qed jaħdem kollox sew. Internet Fil-Librerija

III.x Is-Sindku nforma li wara li saret sejħa fil-Kunsilli għall-Ingaġġ ta' skrivana fi skala 13. Huwa qal li l-Bord tal-għażla li kien kompost minnu u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll mis-Senior Executive Officer għamlu l-interview lill-uniku kandidata li wriet interess. Inqara rapport ppreparat mis-Sinj. A. Galea u li ġie ffirmat mill-membri kollha tal-Bord dwar l-approvazzjoni għal-ħatra tas-Sinj. Maria Aquilina bħala Uffiċjal Eżekuttiv. Sejħa għall-Impjieg

Is-Sur K. Darmanin ppropona u s-Sinj. D. Vella ssekondat sabiex is-Sinj. Aquilina tintgħazel għal dan il-post vakanti.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mad-deċiżjoni tal-Bord.

Ser tintbgħat ittra lid-Dipt. Gvern Lokali sabiex jiggwidawna fuq il-proċeduri li għandna nsegwu.

## 3 Affarijiet Finanzjajrji

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-*partition* sabiex tingħalaq l-area tal-*Customer Care* lesta u ser jiġu jinstallawha s-Sibt 20 ta' Ottubru 2011. Customer Care Area

ii. L-A/Seg. Ezek ssuġġerixxa li jsiru xi aġġustamenti fl-Iskeda tal-Pagamenti. Dan għaliex kif qed jinħarġu l-kontijiet tal-Kumpanija Building & Design Consultants Ltd mhux tajbin.

Il-Kunsill nnota dawn l-aġġustamenti fir-rigward ta' din il-Kumpanija filwaqt li approva l-kumplament tal-Skeda ta' Pagamenti.

iii. Is-Sindku qal li rċevejna ċekk mingħand il-WSC bħala rimbors ta' xogħol li sar fl-2010.

iv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna ċekk ta' €13,063 bħala ħlas mingħand il-Kumitat Konġunt għall-perjodu bejn 1 ta' Mejju 2011 sal-31 ta' Awissu 2011. Ċekk mingħand Kumitt Konġunt

**4 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbagħtet email lill-Kunsilli Lokali kollha kif ukoll 47 ittra rreġistrata lill-kandidati tal-Pooling List biex min hu interessat jibgħatilna s-CV tiegħu. Ħdax il-persuna bgħatet tweġiba favorevoli u 1 oħra waslet wara d-data tal-għeluq.

Il-Kunsill qabel li jinħatar Bord sabiex jagħmel l-interviews. Il-Bord ser ikun kompost mis- Sindku, Viċi Sindku, Is-Sur Lawrence Bonavia, l-Aġent Seg. Eżek. S-Sur Paul J. Pace u mis-Sinj. Antonella Galea.

Is-Sur K. Darmanin ipporpona u s-Sur I. Dalli ssekkonda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Il-Grad tas-Sinj. Antonella Galea**

Peress li kienet ser tiġi diskussa din il-materja, is-Sinj. Antonella Galea intalbet toħroġ ftit mill-kamra.

Wara ftit ħin is-Sinj. Antonella Galea reġgħet intalbet tidħol lura fil-kamra.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel li s-Sinj. Antonella Galea jingħatalha dan il-grad u titla' fi Skala 11.

Is-Sinj. A. Galea rringrazzjat lil dawk preżenti.

**6 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri**

**V.i Rapport mill-Viċi Sindku**

V.i.i Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kellu talba minn waħda mill-Għaqdiet tar-raħal sabiex tittella' attivita' fir-raħal fi żmien il-Milied. Attivita' gahll-Milied

V.i.ii Il-Viċi Sindku ppreżenta t-*timetable* tal-korsijiet li ser jiġu organizzati mill-Kunsill. Korsijiet ta' l-Adulti

**V.ii Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia**

V.ii.i Is-Sur Bonavia rraporta li ser issir laqgħa dwar id-diabete.

V.ii.ii Is-Sur Bonavia offra għal darb'oħra li jagħti t-tilqima kontra l-influwenza hu lil dawk ir-resdenti li applikaw fil-Kunsill. Informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tas-Saħħa għadu ma bgħatx jinfurmana meta nistgħu niġbru t-tilqim. Influwenza Staġjonali

Is-Sinjura Claudienne Lanzon telqet mil-laqgħa fis-7.15pm

**V.iii Rapport mill-Kunsillier Keith Darmanin**

V.iii.i Il-Kunsillier K. Darmanin informa li saru l-laqgħat tan-Neighbourhood Watch għall-areas 21, 22,23. Neighbourhood Watch Areas

Il-Ko-ordinaturi ta' dawn iz-zoni ġew maħtura wkoll.

V.iii.ii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-5-aside *tournament* sar kif previst fid-9 ta' Ottubru 2011 fil-ground ta' l-Oratorju. Ir-rendikont għandu jinħareġ iżjed tard. 5-a side tournament

V.iii.iii Il-laqgħa li kellha ssir għall-pubbliku mal-iSpettur Sharon Tanti saret kif previst fiċ-Ċentru Komunitarju. Laqgħa mar-Residenti

V.iii.iv Is-Sur Darmanin nforma lill-Kunsill li attenda għal-laqgħa tal-Parlament taż-Żgħażagħ nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru u kien qed jirrappreżenta il-Partit tad-Delikwenza. Parlament taż-Żgħażagħ

**V.iv Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

V.iv.i Il-Kunsilliera D. Vella ppreżentat il-programm ta' attivijiet tas-sotto kumitat tagħha għax-xahrejn li ġejjin. Laqgħa għas-sottokumitat

- Buffet Breakfast fil-Lukanda VIVALDI fit-3 ta' Nov.
- Coffee Morning fil-PERISTYLE fl-1 ta Diċembru
- Attivita' għat-Tfal f'Diċembru

**V.v Rapport mis-Sindku**

V.v.i Is-Sindku ta rapport dwar il-Kumitat tar-Reġjun Xlokk.

V.v.ii Huwa rrefera għas-Sistema tal-LES u qal li bħalissa għaddejjin bl-aġġudikar tat-tender. Sistema LES

V.v.iii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Xlokk se jkun fi Triq Santa Marija Ħal Tarxien ftit 'il-fuq mill-Kunsill Lokali. Qal ukoll li bħalissa fih għaddejn xi xogħlijiet ta' manutenzjoni. Qed ikun ippjanat li sal-aħħar ta' din is-sena dan l-uffiċċju jibda jopera. Uffiċċju Reġjun Xlokk

V.v.iv Is-Sindku qal li anke lilu avviċinawh minħabba l-attivita' tal-Milied. Din l-attivita' ser tkun forma ta' *Christmas Village* u qed jiġi propost li tittella' fl-akkwata ta' Santa Marija fl-10 ta' Diċembru 2011. Attivita' tal-Milied

Is-Sur L. Bonavia ssuġġerixxa wkoll l-*area* ta' wara l-knisja.

Għal din l-attivita qed ikun propost budget ta' €5000.

**Il-Laqgħa ntemmet fit-7.30 pm.**

Kav. Pawlu Farrugia KLJ CMLJ
Sindku

**Sur Paul Pace** Dip. B. A. (Bus Mangt) MBA
A/Seg. Eżek